# Zewg Poeziji ta' Puxkin

***maqlubin għall-malti minn MARĊELL MIZZI***

## TIFKIRLET

*Xħin għall-bnedmin l-oħrajn jiskot il-għagħa tal-jum*
*u fit-triqat ħemdin beltija*
*ħajta dawl ħajta dlam jinżel id-dell tal-lejl*
*u n-ngħas, nessej ta' kull tbatija,*
*għalija dak il-ħin joħorġu nkissinkiss*
*is-sigħat twal bla rqad u sabar;*
*fis-sikta ta' billejl aktar jinħass l-uġigħ*
*ta' qalb, il-hemm aktar jinġabar;*
*jikber il-waħx u ġewwa l-moħħ mifni w għajjien*
*tross rassa ħsieb u niket w għali;*
*il-fakra bla kliem xejn tiftaħ quddiemi l-ktieb*
*fejn hemm imniżel kulma ġrali;*
*u waqt li kontra qalbi naqra t-tifkiriet,*
*nirtogħod u nisħet bħal imjassar*
*u ngemgem u nitbeżża' u nxerred dmugħ ta' mrar,*
*imma l-miktub qatt ma jitħassar.*

## TLITT EGħJUN

*Fid-deżert kiefer ta' bla tarf tad-dinja*
*ħadd ma jaf kif iġelbnu tlitt egħjun:*
*għajn iż-żgħożija — għajn tfawwar qalila,*
*fix-xemx tirgħi u tleqq u qatt fit-tjun;*
*il-għajn tal-poeżija l-għatx ittaffi*
*ta' l-imtarrfin ġe dan il-wied tad-dmugħ;*
*it-tielet għajn — il-għajn friska tan-nisi,*
*hi l-ehla fosthom, tfejjaq mard ir-ruħ.*